# Il-Ħamrun Civic Committee
## (L-Ewwel Parti)

**Keith Micallef**

Fil-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor meta l-kunsilli lokali ħadd ma kien joħlom bihom, fil-Hamrun kien twaqqaf kumitat apposta bis-sehem ta' diversi rappreżentati tal-għaqdiet u anki tal-knisja. L-iskop tiegħu kien joħroġ bi proposti u jsemma leħnu mal-awtoritajiet Maltin ta' dak iż-żmien, dwar il-bżonnijiet tal-komunità Hamruniża ta' dawk iż-żminijiet. Barra minn hekk il-kumitat kellu wkoll l-iskop li jħares l-interessi morali, soċjali u intellettwali tal-Hamrun.

Madankollu s-*Civic Club* u dan il-Kumitat kienu żewġ organizzazzjonijiet differenti. Is-*Civic Club* għadu hemm sal-lum u ħa post il-*Malta Workers Party* li kien immexxi minn Pawlu Boffa. Dan il-partit kien twieled wara l-qasma tal-Partit Laburista fl-1949, iżda sa nofs is-snin ħamsin kien sfaxxa. Biss f'laqgħa ġenerali ġie deċiż li l-partit ta' Boffa jxolji darba għal dejjem, imma jiġi ffurmat *Social Club* bl-isem *Civic Club* fl-istess sede li għad għandu llum.

Il-Kumitat Ċiviku huwa ħaġa oħra. Dan ġie mwaqqaf ftit snin qabel fl-1951 u kien speċi ta' Kunsill Lokali bid-differenza li r-rappreżentanti ma kienux jiġu eletti imma nominati mill-għaqdiet kollha tal-Hamrun li minn fosthom kien jiġi elett il-Kumitat Amministrattiv.

Dejjem kien ikun ippresedut mill-Kappillan u l-ewwel wieħed kien Dun Nerik Cordina Perez li jiġi z-ziju tal-Eks President tas-Soċjetà u President Onorarju Harry Zammit Cordina. Madankollu fis-snin sebgħin il-Gvern ta' dak iż-żmien kien żarma dawn il-kumitati li l-aktar li kienu attivi kien fil-Hamrun u f'Għawdex.

Dun Nerik Cordina Perez baqa' fil-kariga sakemm miet ħabta u sabta fl-1956. Insibu li fl-1952 l-Assemblea Ġenerali ltaqgħet erba' darbiet, li għalihom kienu preżenti l-membri kollha affiljati li kienu: Il-kleru u l-kumitat tal-parroċċa, is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Għaqda Mużikali San Gejtanu, *Hamrun Spartans FC, 1st Hamrun Scouts Group*, il-fergħa tal-Azzjoni Kattolika St. Thomas More, il-fergħa tal-Azzjoni Kattolika Melitensis Christi Regis, ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, il-Kumitat tal-Festa, iż-Żgħażagħ Ħaddiema Insara, il-Moviment tal-Malti, *St. John's Ambulance Brigade*, il-Partit Nazzjonalista, il-*Malta Workers Party* u l-Partit Laburista.

Din il-lista twila ta' organizzazzjonijiet tirrifletti żminijiet oħra fil-Hamrun fejn kien hawn interess qawwi għall-volontarjat u l-ħeġġa żgur ma kinitx nieqsa. Filwaqt li wħud minn dawn l-għaqdiet illum sfaxxaw oħrajn għadhom attivi speċjalment il-baned, il-klabb tal-futbol u ż-żewġ partiti ewlenin. Il-*Malta Workers Party* kien għeb mix-xena politika Maltija wara l-elezzjoni ġenerali tal-1955.

Insibu li fi Frar tal-1953 saret l-ewwel laqgħa ġenerali annwali minn meta twaqqaf il-kumitat ċiviku, li saret fis-sala tal-oratorju u kienet indirizzata mill-kappillan Dun Nerik Cordina Perez.

F'din il-laqgħa minbarra li kien elett il-kumitat għall-1953, kienu ġew ukoll elenkati sensiela ta' proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Gvern ta' dak iż-żmien, u l-ħidma li diġà kienet saret f'ċerti oqsma.

**Il-bini ta' suq ġdid**

Fost l-oħrajn insibu li kienu tressqu proposti mal-Ministeru tax-Xogħlijiet u r-Rikostruzzjoni dwar il-bini ta' suq ġdid fi Triq id-Duka ta' Edinburgh li x-xogħol fuqu kien għadu kemm tlesta f'Settembru tal-1952. Sfortunatament iżda jirriżulta li l-Gvern ftit li xejn kien ta widen għal dawn il-pariri. Il-Kumitat Ċiviku kien ipprotesta kontra din l-attitudni u dan wassal biex saret laqgħa mal-ministru li fiha kienu ġew elenkati mill-ġdid dawn il-proposti. Il-Kumitat kien ippropona li s-suq jingħalaq fil-ħinijiet fejn il-ħwienet ikunu magħluqin u li kellu jkun imdawwar b'reċint tal-ħadid. Ġie ssuġġerit ukoll li jkun hemm bankarelli bħal tal-monti u li parti mill-ispiża kellha tiġi sussidjata mill-Gvern.

Min naħa tiegħu l-ministru kien aċċetta l-ewwel proposta u qal li t-tieni waħda kienet se tiġi kkunsidrata.

Din il-binja llum m'għadhiex teżisti u minflokha hemm il-bini tal-kunsill lokali u parkeġġ kbir taħt l-art. Madankollu dan is-suq qatt ma qabad art, u sa tmiem is-snin tmenin l-attività kummerċjali fih kienet spiċċat tant li l-post safa abbandunat.

Intant fl-istess laqgħa l-Kumitat kien għamel pressjoni wkoll biex issir manutenzjoni tat-triq minn ħdejn Bieb il-Bombi sal-Milend u li jitneħħa xi materjal ta' kostruzzjoni li kien hemm fi Triq Schembri, biswit Triq il-Kbira San Ġużepp fil-Blata l-Bajda. Il-Ministeru kien laqgħa din il-proposta u x-xogħol kien inbeda minnufih.

**Ġnien pubbliku**

Fil-laqgħa ġenerali annwali tal-1953, il-Kumitat Ċiviku kien spjega li fl-istess laqgħa mal-Ministru tax-Xogħlijiet kien tqajjem il-punt dwar il-bżonn ta' ġnien pubbliku fil-Ħamrun. Għal dan l-iskop kien ġie propost ġnien żgħir, fuq in-naħa ta' wara tas-suq, li kellu jkun aċċessibbli wkoll minn sqaq li jinfed għal *Broad Street* (inċidentalment llum saret Triq Dun Nerik Cordina Perez). Il-ministru min naħa tiegħu kien talab lill-konsulenti biex jieħdu nota ta' dan.

Eventwalment dan il-proġett kien twettaq fl-1959, iżda l-istess bħalma seħħ fil-każ tas-suq, ma kellux ħajja feliċi. Il-post li fih kienet saret *playing field*, kien pjuttost imwarrab u wara xi snin ma baqax jiġi ffrekwentat. Eventwalment il-post kien żviluppat madwar 20 sena ilu, u llum hemm kumpless ta' garaxxijiet.

**Uffiċju tal-Posta**

Proposta oħra li madankollu dwarha ftit li xejn kien sar progress kienet dik li jkun hemm uffiċju tal-posta. Fil-kummenti tiegħu fil-laqgħa ġenerali annwali tal-1953 Dun




*Il-post fejn sa ftit ta' snin ilu kien hemm il-bandli tas-suq*

Nerik kien irrimarka li t-taħditiet li kienu saru mal-Ministeru tal-Posta u l-Agrikoltura ftit li xejn kienu inkoraġġanti. Il-proposta tal-Kumitat Ċiviku kienet li għall-inqas issir sub-post Office. Anki f'dan il-każ, dan il-proġett kien twettaq numru ta' snin wara, u l-uffiċju għadu jeżisti sal-lum.

Il-Kumitat kien ippropona wkoll li tkun imdawla t-triq minn fejn Bieb il-Bombi sal-Milend, u l-istallazzjoni ta' fergħa tal-elettriku fi Triq Lord Lloyd (illum Triq Manuel Magri u Triq Kunċizzjoni).

Dawn il-proposti kellhom jiġu diskussi f'laqgħa mal-ministru konċernat li kellha ssir nhar it-18 ta' Diċembru 1952, iżda din tħassret minħabba li xi membri tal-kumitat kienu indisposti. Madankollu l-kumitat insista li tinstab data oħra mill-iktar fis.

Kienet ukoll inġibdet l-attenzjoni tal-pulizija biex jintbagħat kuntistabbli jidderieġi t-traffiku ħdejn Misraħ San Pawl, fil-kantuniera ta' Triq Qormi ma' Triq Manuel Magri.

Fil-laqgħa kienet għaddiet speċi ta' riżoluzzjoni li kienet tgħid li "fil-futur in-negozjati u d-diskussjonijiet kollha fuq proġetti għall-benefiċċju tad-distrett (Ħamrun) iridu jkunu bbażati fuq pjani li jkunu jgawdu l-approvazzjoni tal-Kumitat Ċiviku tal-Ħamrun".

## Proġetti oħra

Il-kumitat kien ukoll elenka l-ħidma tiegħu għax-xhur ta' wara. Din kienet tinkludi l-ftuħ tal-ġnien ta' Casa Leoni f'Santa Venera, li l-parti ta' wara tiegħu llum hi l-Ġnien Romeo Romano.

Ħidma fil-futur kienet se tkun iffukata fuq Victoria Avenue (Illum Triq Ġużè Pace). Insibu li dak iż-żmien il-parti fejn hemm Triq Villambrosa, fejn illum hemm il-Museum tal-Bniet kienet tibqa' ħierġa 'l barra minħabba li kien hemm il-bini. Għalhekk din il-

*Impressjoni artistika ta' kif se jkun l-Ark ta' Wignacourt li qed jibena mill-ġdid*



parti tat-triq kienet dejqa ħafna. Għalkemm xi snin wara din il-binja tneħħiet il-ħsieb tal-Kumitat li Triq il-Kbira San Ġużepp tiġi *one-way* biex it-traffiku fid-direzzjoni l-oħra jgħaddi minn Victoria Avenue qatt ma seħħ.

Il-kumitat kien ukoll talab assikurazzjonijiet mingħand il-Gvern biex ma ssirx ħsara lill-Akkwedott ta' Wignacourt minħabba l-bini tal-birrerija l-ġdida ta' Farsons. Fl-istess ħin kienet espress ix-xewqa li jerġa' jinbena l-Ark ta' Wignacourt li kien twaqqa' fil-gwerra minn vettura militari. Inċidentalment wara ħafna snin dan l-ark qed jinbena mill-ġdid.

Ilment ieħor li kien qed jaħdem fuqu l-Kumitat kien li l-passiġġieri tal-karozza tal-linja li kienet titlaq minn Birkirkara għall-Belt kienu qed jitniżżlu 'l barra wisq minn Putirjal, u dan kien qed ikun ukoll ta' periklu għall-pubbliku.

Proposta interessanti kienet dik biex jinbena mill-ġdid iċ-Ċimiterju tal-Blata l-Bajda minħabba li dan kien qed jiġi desakrat. X'aktarx dan iċ-ċimiterju kien l-istess wieħed fejn illum hemm il-Kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża fejn hemm is-sede ċentrali tal-Museum li nbniet ftit tas-snin wara.

Fi tmiem il-laqgħa kien elett l-eżekuttiv għall-1953: Dun Nerik Cordina Perez President, Viċi President A. Alessandro, Segretarju Ugo Mizzi, Assistent Segretarju JM Zammit Cordina, Kaxxier J. Buttigieg, Assistent Kaxxier Dun Ġ. Cachia, u Fr J. Saliba, S. Sant'Angelo, J. Micallef, EF. Naudi u J. DeBattista bħala membri.

Minkejja li għaddew dawn is-snin kollha u l-Kumitat Ċiviku llum li spiċċa aktar minn 40 sena, wieħed japprezza li kellu viżjoni. Xhieda ta' dan hu li ħafna mill-proġetti li kien ħadem għalihom kienu twettqu. Riflessjoni oħra hi li x'aktarx dawn kienu l-aqwa żminijiet għall-Hamrun, fejn kien jinħass sens ċiviku qawwi fost il-popolazzjoni u l-volontarjat kien fl-aqwa tiegħu.